HAL BALZAN

IT-TMIEN SENA Nru. 45 JANNAR/FRAR 1979

Editorjal

L-AWGURJU GHAS-SENA 1979

Kull sena ġdida ġġib magħha awguri u xewqat sbieħ ta' risq u barka. Ilkoll kemm aħna nixtiequ s-sliem lil xulxin, u lill-familji tagħna, sliem lil pajjiżna, sliem lid-dinja kollha. Kulħadd jitkellem fuq is-sliem u l-paċi, u kulħadd jagħti r-riċetta tiegħu ta' kif jidhirlu li għandha tinkiseb din il-paċi tant mixtieqa. Iżda l-paċi donnha ma tasal qatt. Kulħadd jixtieqha u jixxennaq għaliha u jgħid li qed jaħdem għaliha imma mbagħad fl-aħħar mill-aħħar ma jasalx li jiksibha. U x-xewqat tajba ta' sliem u paċi jibqgħu biss kliem fieragħ, ċaqliq tax-xufftejn u mhux mera ta' dak li hemm fil-qalb.

Iżda, kif qal tajjeb Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca, fl-omelija tiegħu nhar l-Ewwel tas-Sena, jekk irridu tabilħaqq li jkollna l-paċi, hemm bżonn li l-paċi nkunu rriduha bis-serjetà. Jekk naslu li l-paċi nkunu rriduha verament, allura nagħmlu minn kollox, ukoll b'sagrifiċċju tagħna nfusna, sabiex ikollna l-paċi. Għaliex il-paċi, bħal kull ħaġa prezzjuża oħra, tinkiseb biss bi prezz għoli u b'sagrifiċċju kbir. Biex f'familja ssaltan il-paċi, kull membru jrid jirrispetta d-drittijiet ta' l-ieħor; irid jitwarrab l-egoiżmu u tidħol l-imħabba; ma rridux noqogħdu nfittxu dak li hu tagħna iżda nfittxu li nkunu ta' servizz għal ħaddieħor; fil-waqt li nikkoreġu d-difetti tagħna rridu nagħdru n-nuqqasijiet ta' ħaddieħor. Fuq kollox, irridu nfittxu dak li jgħaqqadna u mhux dak li jifridna, u nkunu pronti ninsew l-azzjonijiet li nkunu rċevejna. Dan li qed ngħidu għall-familja jgħodd għal għaqda jew każin igħodd għal raħal bħala komunità ta' nies, igħodd għall-pajjiż in ġenerali. L-għaqda u l-ftehim huma garanzija ta' armonija, hena u sliem fil-ġejjieni.

Il-paċi mhix xi ħaġa negattiva — nuqqas ta' gwerra — imma pożittiva. "Ix-xewqa tal-paċi," qalilna l-President tar-Repubblika Anton Buttigieg, fid-diskors tiegħu waqt li kien qed jirċievi x-xewqat tajba tal-Korp Diplomatiku nhar l-Ewwel tas-Sena, "ma tistax tkun biss emozzjoni imma ħidma pożittiva biex tmexxiha 'l quddiem... L-aħjar ideja tad-differenza bejn l-emozzjoni u l-azzjoni nsibuha fil-parabbola tas-Samaritan it-tajjeb. Kemm il-qassis u l-levita ħassew f'qalbhom għal dak ir-raġel li waqa' fost il-ħallelin u li kien jinsab mitluq fit-triq ta' Ġeriko. Imma s-Samaritan it-Tajjeb mhux biss ħass għalih imma mar u tah l-għajnuna kollha li kellu bżonn."

Ħawn mhux ta' min ma jfakkarx fil-messaġġ tal-Qdusija Tiegħu l-Papa Ġwanni Pawlu II għal Jum il-Paċi. Il-messaġġ ta' Jum il-Paċi kien dak imħolli mill mibki Papa Pawlu VI qabel miet — Jekk irridu l-paċi irridu nedukaw għall-paċi. Nedukaw lilna nfusna u lil ħaddieħor. L-edukazzjoni għall-paċi hija l-edukazzjoni tal-qalb. Hija l-edukazzjoni li ġġib magħha tolleranza (irridu nifhmu lil ħaddieħor u nagħtu każ ta' l-idejat ta' ħaddieħor u mhux infittxu li nimponu l-idejat tagħna); sabar u mogħdrija (nieħdu paċenzja b'xulxin u mhux inkunu pronti nakkużaw lil ħaddieħor u l-hena tagħna nikxfu d-difetti u n-nuqqasijiet ta' ħaddieħor); qadi ta' dmirijietna (ħafna mill-għawġ u l-għelt tad-dinja ġej għax xi drabi nonqsu minn dmirna u minn fuq nippretendu li kollox jbqa' miexi sew, u li l-onest jirċievi l-istess ħlas bħal min mhux); sagrifiċċju ta' l-idejat, u forsi ta' l-idejali, tagħna (biex issaltan il-paċi xi drabi jkun hemm bżonn li kulħadd iċedi biċċa, għax f'kull kwestjoni r-raġun u t-tort ikunu x'aktarx jinsabu biċċa kull naħa; jekk kulħadd iżomm in-naħa tiegħu bl-iktar mod intransiġenti, il-paċi żgur ma narawhiex).

Jalla dawn l-idejat ma jibqgħux fuq il-karta fejn qegħdin stampati imma lkoll kemm aħna nagħmluhom tagħna u nqegħduhom fil-prattika.

IL-KAPILLAN TA' HAL BALZAN JINGHAZEL DEKAN TAD-DISTRETT

Nhar is-Sibt, 13 ta' Jannar 1979, fid-Dar tal-Kleru, Fleurdelys, saret l-elezzjoni tad-dekan tad-distrett li Hal Balzan jagħmel sehem minnu. F'din l-elezzjoni, ingħażel bħala dekan tad-distrett il-maħbub Kappillan tagħna, ir-Rev. Kan. Dun Karm Sciberras. Lill-Kappillan, aħna nifirħulu u nitolbu għalih sabiex il-Mulej jagħtih l-għajnuna tiegħu. Fl-istess waqt, ħsibna li nagħtu xi tagħrif dwar ir-responsabbiltà ġdida tal-Kappillan tagħna bħala Dekan.

Mill-Ittra Pastorali ta' Monsinjur Arċisqof tas-6 ta' Jannar 1977 u miċ-Ċirkulari tal-Kurja tat-22 ta' Jannar ta' l-istess sena, wieħed jista' jara li d-Dekanat huwa distrett mill-Arċidjoċesi li jħaddan numru ta' Parroċċi, bl-istess karatteristiċi ta' qagħda reliġjuża, ħtiġijiet morali u problemi ta' ħajja. Dawn id-Dekanati jiġu mqassma b'mod li flimkien jidhru li jagħmlu unità, fi kliem iċ-Ċirkulari msemmija "parti li tkun unità ta' l-Arċidjoċesi".



Il-Kan. Dun Karm Sciberras, Kappillan ta' Hal Balzan.

Id-Dekan għandu jkun wieħed mill-Kappillani tad-Distrett. Huwa jkun ir-rappreżentant ta' l-Isqof fid-Distrett. Huwa ma jeħux post l-Arċisqof, imma jgħinu jżomm aktar quddiem għajnejh il-qagħda u l-ħtiġiet reliġjużi tad-Distrett. Huwa għandu jkun ta' għajnuna biex l-Isqof ikollu viżjoni aktar sħiħa tal-ħajja pastorali f'parti li tkun unità ta' l-Arċidjoċesi.

Id-Distrett għandu jkun għad-Dekan l-għożża u l-attenzjoni tiegħu. Dan ifisser li d-Dekan għandu jfittex li jara msaħħa l-ħidmiet pastorali f'kull Parroċċa għall-veru ġid tal-poplu ta' Alla. Dan isir bil-kollaborazzjoni ta' l-istess kappillani, is-saċerdoti, ir-reliġjużi u l-lajċi wkoll.

Huwa nteress u dmir tad-Dekan li

1. jara kif u kemm Kappillan jista' jkun ta' għajnuna għal Kappillan ieħor.
2. jara jistax ikun hemm għajnuna u kooperazzjoni minnaħa tas-saċerdoti, reliġjużi, sorijiet u lajċi.
3. igħin biex kull Kappillan isir jaf lil sieħbu Kappillan aktar mill-qrib, fil-qagħda u l-ħtiġiet reliġjużi tal-Parroċċa.

Id-Dekan ma għandu ebda setgħa fuq il-Kappillani tad-Distrett — għalhekk hu eskluż kull sens ta' ndħil, kontroll jew 'supervision'. Għandha dejjem titħares l-individwalità ta' kull Parroċċa.

Id-Dekan għandu jfittex li jkun hemm

1. servizz ta' mħabba nisranija u kooperazzjoni ta' aħwa fost il-kappillani u bejn is-saċerdoti.
2. għajnuna minn kull wieħed għall-oħrajn kollha.
3. servizz ta' mħabba u karità li kull kappillan u kull saċerdot joffri bil-qalb lill-kappillani u lis-saċerdoti l-oħrajn.
4. servizz għal kull wieħed mill-poplu ta' Alla afdat f'idejn il-kleru.
5. informazzjoni mill-kappillani lil xulxin b'dak li qed isir fil-Parroċċi tagħhom, biex jistgħu jiġu koordinati l-ħidmiet fid-diversi Parroċċi.

Id-Dekanati ġew imwaqqfin bil-Pastorali tas-6 ta' Jannar 1977. Kien hemm ħames Dekanati. Il-Parroċċa tagħna kienet tagħmel sehem mir-raba' Dekanat, li kien jiġbor fih dawn il-Parroċċi: Attard, Balzan, Birkirkara (Sant' Elena u San Ġużepp Ħaddiem) Fleur de Lys, Ħamrun (San Gejtanu u Kunċizzjoni) Lija. Qormi (San Ġorġ u Sant Bastjan), Rabat, S. Venera, Siġġiewi, Żebbuġ. Wara elezzjoni li saret minn kull presbiterju parrokkjali (magħmul mis-saċerdoti ta' kull Parroċċa), ġie magħmul bħala Dekan tad-Distrett tagħna Dun Ġużepp Mifsud Bonnici, Kappillan tal-Kunċizzjoni, Ħamrun.

Wara sentejn ta' esperiment, in-numru tad-Dekanati ġie mkabbar għal tmienja. Issa d-Distrett Dekanali tagħna jiġbor fih dawn il-Parroċċi: Attard, Balzan, Birkirkara (Sant' Elena u San Ġużepp Ħaddiem), Fleur de Lys, Ħamrun (San Gejtanu u Kunċizzjoni), Lija, u Santa Venera. Id-Dekanat tagħna huwa s-Sitt wieħed.

L-elezzjoni tad-Dekan tad-Distrett tagħna saret fid-Dar tal-Kleru, Fleur de lys, nhar is-Sibt, 13 ta' Jannar 1979. Dawk is-saċerdoti li ma setgħux ikunu preżenti għall-laqgħa, setgħu jivvutaw bil-posta.

AVVIŻ LILL-QARREJJA —

Nixtiequ ngħarrfu lill-qarrejja li, minn din il-ħarġa, il-prezz ta' l-istampa reġa' għolielna, u d-dħul mir-reklami mhuwiex biżżejjed biex jagħmel tajjeb għall-ispejjeż. Għalhekk, nitolbu lill-qarrejja kollha u lill-Balzanin in ġenerali sabiex ikunu ġenerużi fl-offerti tagħhom għall-gazzetta. Kull offerta, imqar l-iċken waħda, tintlaqa' bil-ferħa. Nirringrazzjawkom bil-quddiem.

NOTA EDITORJALI

Nistiednu lill-qarrejja kollha sabiex jibagħtulna l-fehmiet u s-suġġerimenti tagħhom u wkoll kitbiet oħra għall-pubblikazzjoni fl-indirizz editorjali, jew inkella jindirizzawhom lil xi membru tal-Bord Editorjali. Il-membri li jiffurmaw il-Bord huma:

* **Charles Bonello,**
  4A, Triq it-Tliet Knejjes, Hal Balzan.
* **Carmel Attard,**
  67, Triq Brared, Birkirkara. Tel. 42817.
* **Carmel Bezzina,**
  11, Triq San Valentinu, Hal Balzan. Tel. 42459.
* **Guido Borg,**
  'Utopia', Triq Ġdida fi Triq Preca, Hal Lija.
* **Anthony Fenech,**
  'Miele' Triq il-Linja, Hal Balzan. Tel. 40705.
* **Valentino Muscat,**
  238, Triq il-Kbira, Hal Balzan. Tel. 42597.

"ĦAL BALZAN"

Toħroġ kull xahrejn mill-
BORD EDITORJALI — "ĦAL BALZAN"

C/O Każin tal-Banda
"San Gabriel"
Ħal Balzan.

Stampata fil-
Lux Press
Hamrun.

X'ĠARA FOSTNA

NOVEMBRU 1978

F'dan ix-xahar ftakarna b'mod speċjali f'ħutna mejtin. Nhar il-Ħadd, 5 ta' Novembru, sar it-tberik taċ-Ċimiterju. Fil-jiem ta' wara, fil-Knisja Parrokkjali saru l-uffiċċjaturi u l-quddies kantat għall-imseħbin fil-fratellanzi. Il-Ġimgħa, 10 mix-xahar, il-Kappillan organizza pellegrinaġġ għaċ-Ċimiterji ta' l-Addolorata u ta' Wied Għammieq.

Mill-ewwel Ħadd ta' dan ix-xahar, bdew isiru l-lezzjonijiet għal kulħadd mill-membri tal-Museum fil-kunvent tal-Bon Pastur. Nhar it-Tlieta, 21 ta' Novembru, in-nisa ta' l-Azzjoni Kattolika organizzaw laqgħa spiritwali ta' nofs ta' nhar, u wara laqgħa soċjali fl-Imġarr. L-għada, iċ-Ċirkolu tax-xebbiet ta' l-Azzjoni għamlu quddiesa ta' ringrazjament fil-Knisja f'għeluq il-25 sena li Dun Ġużepp Zammit ilu Assistent Ekkleżjastiku taċ-Ċirkolu.

Il-Festa ta' Kristu Re ġiet iċċelebrata nhar il-Ħadd, 26 ta' Novembru. Il-korteo nazzjonali beda mill-Arena ta' l-Indipendenza fit-3.00 p.m. u wasal sa quddiem il-Kon-Katidral ta' San Ġwann fejn, wara ċelebrazzjoni biblika, sar diskors qasir minn Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca u ngħatat il-benedizzjoni. Il-Parroċċa tagħna kienet irrappreżentata fil-korteo mill-kleru, membri tal-għaqdiet, u l-poplu in ġenerali.

Nhar l-Erbgħa, 29 tax-xahar, fil-quddiesa ta' fil-għaxija sar it-tesserament ta' l-imseħbin ta' l-Azzjoni Kattolika tal-Parroċċa. Fil-jumejn ta' qabel, saru diskorsi ta' tħejjija.

DIĊEMBRU 1978

Nhar il-Ħadd, 3 ta' Diċembru, saret fil-Parroċċa l-Griżma ta' l-Isqof. Irċevew is-Sagrament tal-Griżma 97 tfal mill-Parroċċa, 55 tifel u 42 tifla. Billi l-Arċisqof, Mons. Ġużeppi Mercieca, kellu impenji oħra, mexxa ċ-ċerimonja tal-Griżma fil-Parroċċa l-Isqof Owen Mc Coy, W.F., li kien Isqof ta' Oyo fin-Niġerja, Afrika, li nzerta kien Malta għall-vaganzi.

L-eżerċizzi ta' l-Avvent saru bejn it-Tnejn, 4, u l-Ġimgħa 8 ta' Diċembru, bi priedka fil-quddiesa ta' fil-għaxija. Il-predikatur kien Patri Klement Azzopardi, ta' l-Ordni tal-Karmelitani Skalzi. Patri Sebastjan Buhagiar, tal-Patrijiet Minuri, għamel il-priedki tan-Novena tal-Milied fil-quddiesa ta' fil-għaxija.

Programm teatrali mill-Kumpannija tal-Parroċċa "Balzan Stage Amateurs" ittella' fis-Sala Parrokkjali nhar il-Ħadd, 17 ta' Diċembru. Il-programm kien varjat ħafna u offra spettaklu divertenti lill-ħafna nies li qatgħu l-biljetti għalih.

Nhar it-Tlieta, 19 mix-xahar, il-membri subien tal-Museum ippreżentaw ċelebrazzjoni biblika bis-suġġett "Il-Milied Igħaqqadna". Din saret fil-Knisja Parrokkjali wara l-quddiesa ta' fil-għaxija, u għaliha attendew għadd konsiderevoli ta' nies, l-aktar ġenituri tat-tfal. Attività oħra tal-Milied mill-membri tas-Soċjetà tal-Museum hija s-solita Dimostrazzjoni bil-Bambin lejlet il-Milied. Attrazzjoni speċjali fil-purċissjoni ta' din is-sena kienet il-kaxxa nfernali tal-kulur li nħarqet mill-Każin San Gabriel waqt li kienet għaddejja l-purċissjoni. Dina ġiet apprezzata ħafna, u nies mhux mir-raħal ikkummentaw li din kienet l-ewwel darba fl-istorja li waqt il-purċissjoni tal-Bambin sar il-logħob tan-nar.

Il-'party' tal-Milied għat-tfal kollha tal-Parroċċa sar fis-Sala Parrokkjali nhar il-Ħamis, 28 ta' Diċembru; fil-waqt li l-għada, l-Azzjoni Kattolika ta' Ħal Balzan organizzat ħarġa bil-karozzi għan-nies anzjani biex huma wkoll jifirħu f'dawn il-jiem sbieħ tas-sena. Waqt din il-ħarġa huma kellhom quddiesa u 'party' żgħir.

Din is-sena wkoll, bħas-snin l-imgħoddija, fil-jiem tal-Milied, il-Balzanin qiegħdu l-offerti tagħhom ta' oġġetti ta' l-ikel u flus ħdejn il-presepju armat fil-knisja. Dawn l-offerti aktar tard kellhom jiġu ppreżentati lill-Creche ta' l-Orsolini ta' Tas-Sliema.

It-tlett ijiem ta' adorazzjoni quddiem is-Sagrament, magħrufin bħala Kwaranturi, inżammu fil-Parroċċa bejn nhar is-Sibt, 30 ta' Diċembru, u nhar it-Tnejn, 1 ta' Jannar 1979. Is-Sagrament kien espost fit-tlett ijiem wara l-aħħar quddiesa ta' fil-għodu, u l-għaqdiet kollha tal-Parroċċa għamlu l-adorazzjoni tagħhom f'ħinijiet differenti. Il-Ħadd, 31 ta' Diċembru, l-aħħar jum tas-sena, saret quddiesa kantata bit-'Te Deum' fil-5.30 p.m. Dun Ġwann Dimech għamel il-kelmtejn ta' riflessjoni fil-quddiesa ta' ringrazzjament.

IL-KNISJA PARROKKJALI (33)

TAR-RUZARJU

KWINDIĊINA TAL-MADONNA TAR-RUŻARJU

Bħala tħejjija għall-festa tal-Madonna tar-Rużarju, issir dik li nsejħulha l-Kwindiċina. Din tikkonsisti billi sa minn ħmistax-il ġurnata qabel il-festa, tibda ta' kull jum titqaddes quddiesa kantata fuq l-artal tal-Madonna tar-Rużarju. B'hekk il-poplu jiġi aktar ippreparat għall-festa, u titnissel fih aktar devozzjoni lejn il-Madonna tar-Rużarju (1).

IL-FESTA TAL-MADONNA TAR-RUŻARJU

Il-festa tal-Madonna tar-Rużarju kważi dejjem issir fl-ewwel Ħadd ta' Ottubru.

Biex nagħtu xi dettalji dwar kif kienet issir il-festa tar-Rużarju, ser insemmu dwar dak li sar mitejn sena ilu, fil-festa tal-Madonna tar-Rużarju tal-1778. Dak iż-żmien, il-prokuraturi kienu: Lawrenz Falzon u Salvu Muscat.

Is-Sibt, lejlet l-ewwel Ħadd ta' Ottubru, sar l-għasar ta' lejlet il-festa. Nhar il-Festa saret il-quddiesa kantata li fiha ġie minsuġ il-paneġierku. Wara nofs in-nhar isir l-għasar u toħroġ il-purċissjoni. Din kienet l-ewwel sena li fil-purċissjoni żżanżnet l-istatwa tal-Madonna tar-Rużarju. Għal din il-purċissjoni żżanżan standard ġdid tal-fratellanza. Għal din il-festa nxtraw żewġ tużżani sulfarelli, u tlett artal polvri għall-maskli, li kienu ġew mikrija. Il-bumbardier li spara l-maskli ħa erba' tari'. Inxtraw żewġ xamgħat tal-pastilja. Inxtraw ukoll qantar u erbatax-il ratal injam għall-illuminazzjoni ta' lejlet u nhar il-Festa, u nxtraw ukoll ħames qatet ħaxix biex jixxerred fuq il-paviment tal-knisja.

Fil-festa tar-Rużarju tal-1783 sar kollox bħal ma kien isir fis-snin ta' qabel, biss jissemma li nġieb qassis barra mir-raħal biex iqarar, u li barra mill-mixegħla bl-injam, din id-darba saret mixegħla biż-żejt ukoll.

Fil-kontijiet tal-festa tal-1786, insibu li tħallsu għaxar tari' għal dawk li daqqew it-tamburlini. Mill-kont tal-festa tal-1789 insibu li l-ħaxix ta' l-art kien jinġieb mill-Buskett. U wkoll mill-kont tal-festa tal-1794 insibu li nxtraw tmien kuruni tar-Rużarju li ġew mogħtija lir-reffiegħa ta' l-istatwa. (2)

Il-prokuratur Pietru Pawl Frendo jagħtina aktar dettalji dwar il-festa tal-1894, fejn igħidilna li fl-għasar ta' lejlet il-festa, fil-quddiesa kantata u fl-għasar ta' nhar il-festa ħadu sehem xi qassisin ta' barra mir-raħal, li l-għasar ta' lejlet il-festa kien kantat falsaburdun, u li fil-kant ħa sehem Wiġi Aquilina mir-Rabat. (3)

IL-FESTA TAL-MADONNA TAL-WARD

Din il-festa tal-Madonna tal-Ward kienet issir fix-xahar ta' Mejju. Fl-1770, din il-festa saret fl-ewwel ta' Mejju. Għal din il-festa jissemmew il-paneġierku, ix-xiri tal-ward biex jitbierek, sitt xamgħat u ħlas lil min qagħad jonfoħ l-orgni. (4)

Fil-festa ta' Mejju tal-1778, insibu mniżżel li saru l-għasar ta' lejlet il-festa, l-quddiesa kantata u l-paneġierku. (5)

Fil-kontijiet tal-1779 insibu, barra dak li semmejna qabel, il-polvri, il-maskli u l-murtaletti. (6)

Insibu li kienu jixtru l-ward bl-użin. Tant hu hekk li fil-kont tal-1783 insibu li l-prokuratur Pawlu Falzon xtara tlett artal ward, li sewa żewġ skudi. (7)

Insibu li nhar il-festa tal-Madonna tal-Ward f'Mejju 1837, kienet ħarġet il-purċissjoni bl-istatwa u li r-reffiegħa tawhom kuruna tar-Rużarju kull wieħed. (8)

Il-purċissjoni ta' din il-festa tissemma wkoll fl-1908. (9)

SILTIET MILL-ISTORJA TA' ĦAL BALZAN
Tiftix u kitba ta'
DUN ĠWANN DIMECH

IL-FESTA TAL-MADONNA TAL-BON KUNSILL

Din il-festa tieħu ħsiebha l-fratellanza tar-Rużarju.

Isir l-għasar ta' lejlet il-festa, quddiesa kantata u paneġierku.

Din il-festa ġiet imwaqqfa minn Dun Pawl Zimech u l-festa saret għall-ewwel darba f'Mejju tal-1816. (10)

IN-NOVENA TAL-MILIED

In-Novena tal-Milied tieħu ħsiebha l-fratellanza tar-Rużarju. Din sa mill-bidu kienet tikkonsisti f'disa' quddisiet kantati, disa' priedki u disa' kant ta' l-"Alma". Kienu jinxtegħlu żewġ linef kbar biż-żejt u bixxama'.

Nhar il-Milied jitqaddsu żewġ quddisiet kantati u waħda minnhom issir f'nofs il-lejl u l-oħra fuq l-artal tar-Rużarju fl-awrora.

Lejlet il-Milied kien jinġieb qassis straordinarju biex iqarar. (11)

PRIEDKA TA' L-EWWEL ĦADD TAX-XAHAR

Kull ewwel Ħadd tax-xahar kienet issir priedka li għaliha kienu obbligati l-fratelli u dawk kollha li kienu miktubin fil-fratellanza tar-Rużarju. (12)

Mhux possibbli nidħlu fid-dettalji kollha ta' kull ma għamlet u qed tagħmel din il-fratellanza tar-Rużarju. Nispiċċaw billi nsemmu biss l-għajnuna lill-foqra u lil dawk kollha li huma fil-bżonn.

REFERENZI

1. Arkivju Parrokkjali: Lib. 4
2. Arkivju Parrokkjali: Lib. Ibid. Cit.
3. Arkivju Parrokkjali: Lib. 37
4. Arkivju Parrokkjali: Lib. 17
5. Arkivju Parrokkjali: Lib. 4
6. Arkivju Parrokkjali: Lib. Ibid. Cit.
7. Arkivju Parrokkjali: Lib. Ibid. Cit.
8. Arkivju Parrokkjali: Lib. 59 p. 7
9. Arkivju Parrokkjali: Lib. 37
10. Arkivju Parrokkjali: Lib. 66
11. Arkivju Parrokkjali: Lib. Ibid. Cit.
12. Arkivju Parrokkjali: Lib. Ibid. Cit.

STARLETS

284, HIGH STREET, BALZAN

STATIONERY, TOYS, PAPER BACKS,

NEWSPAPERS AND CIGARETTES

Telephone: 41644

CORDINA HALL

CARMEL STREET, BIRKIRKARA

TINKERA GĦAT-TIĠIJIET, ENGAGEMENTS
U KULL OKKAŻJONI OĦRA.

Aħsbu kmieni għall-Booking
Telephones: 42093, 40183, 22254

Jew applikaw għand:
F. CORDINA & SONS
CORDINA SHOWROOM
Bishop Labini Street, Birkirkara

ĦAL BALZAN FIL-PROGRAMM TELEVIŻIV

GHAL FUQ XBIN ?!

Minn din is-sena, fuq Television Malta kull nhar ta' Ħadd qed jidher programm ta' quiz bejn bliet u rħula Maltin bl-isem ta' "Għal fuq, Xbin?!". Il-kompetizzjoni qiegħda tkun fuq bażi ta' 'knock-out' jiġifieri konfront dirett bejn żewġ postijiet, raħal jew belt, f'Malta, li jkunu telgħu kontra xulxin bix-xorti qabel ma bdiet is-sensiela; min jitlef minnhom jinqala' barra.

Il-quiz huwa maqsum f'erba' sezzjonijiet; (a) aħbarijiet kurrenti tal-ġimgħa ta' qabel, (b) mistoqsijiet dwar ir-raħal jew belt ta' kull tim, (ċ) tagħrif ġenerali ta' xejra storika dwar Malta u Għawdex u (d) mistoqsija b'ħafna partijiet, li tiswa għaxar punti, dwar il-belt jew raħal ta' kull tim. F'nofs il-programm, imbagħad, jingħata tagħrif dwar l-arma u l-motto tal-postijiet li jkunu qegħdin jieħdu sehem f'dik l-edizzjoni, kif ukoll issir logħba għall-udjenza.

Ħal Balzan ħa sehem fl-edizzjoni ta' l-14 ta' Jannar, iżda sfortunatament tilef kontra t-tim ta' Ħaż-Żabbar. It-tim li rrappreżenta r-raħal tagħna kien magħmul minn: Gino Parascandalo; Therese Spiteri u Martin Spiteri. Ir-riżultat finali kien: Żabbar — 35, Balzan — 28. Għalkemm it-tim ta' Ħal Balzan ma ħareġx rebbieħ, b'danakollu għamel figura tajba, u kien ta' sodisfazzjoni għalina li r-raħal tagħna ħa sehem.

MILL-UFFICCJU PARROKKJALI

Saru wlied Alla bil-Magħmudija

Gabriella Abela, bint Anthony u Geltrude.
Sarah Camilleri, bint Ralph u Marcelline.
Adrian Callus, bin Albert u Mary-Lourdes.
Anne-Marie Cardona, bint Paul u Davida.
Ruth De Giovanni, bint Joe u Mary.
Ruth Mangion, bint Tony u Margaret.
Mark Titley, bin Oliver u Marika.
Marisa Muscat, bint Paul u Melita.
Carmel Zarb, bin Mario u Rita.
Denis Borg, bin Carmel u Doris.
Julia Brunt, bint Kenneth u Mary.
Mark Bencini, bin Edward A. & C.E. u Nathalie
Lisa Goldsworthy, bint Ronald u Rita.
Ian Gatt, bin John u Josephine.
Sarah Micallef, bint Brian u Corinne.
Ivan Pirotta, bin Charles u Carmen.
Dorianne Gauci, bint Paul u Maria.
Rachel Darmanin Demajo, bint Joseph u Mariella.
James Baxter, bin John Eric u Carmen.
Daren Ellul, bin Alfred u Doris.
Karin Camilleri, bint Joseph u Mary.
Joseph Zammit, bin Joseph u Violet.
Duncan Abela, bin Felix u Lilian.
Antonella Dimech, bint Joe u Josephine.
Claire Falzon, bint Lino u Tessie.

Ingħaqdu fl-imħabba biż-żwieġ nisrani

Victor Abela u Sylvia D'Amato.
John C. Rausi u Bernadette Debono.
Paul Licari u Angele Ebejer.
Mario Camilleri u Julia Muscat.
Michael Farrugia u Anna Borg.
Lawrence Mizzi u Mariella Attard.
David Camilleri u Margaret Pirotta.
Michael Captur u Mariella Antignolo.
John Bray u Josephine Chetcuti.
Terence Arthur Mizon u Marthese Vassallo.

Ingħaqdu għal dejjem mal-Ħallieq

Suor Giovanna Galea, tal-Franġiskani M. Marija.
Suor Eulalia Vassallo, tas-Sorijiet tal-Karità.
Mikiel Azzopardi.
Salvu Chetcuti.
Suor Antonia Taliana, tal-Franġiskani M. Marija.
Mary Spiteri.
Tonio German.
Carmela Naudi.
Alfred Gauci Borda.
Suor Ermelinda Calleja, tas-Sorijiet tal-Karità.
Lisa Fava.
Suor M. Pawlina Cataldo, tal-Bon Pastur.
Carmelo Darmanin.
Annina Ravello.

ROKNA GHAT-TFAL

Tfal għeżież,

Is-sena 1979 għandha tkun għalikom sena speċjali minħabba l-fatt li l-Għus Magħquda għażluha biex tkun is-Sena Mondjali tat-Tfal.

Meta għaqda ta' tant nazzjonijiet kbar toħroġ b'dan il-ħsieb, li x-xogħol kollu tagħha tul din is-sena tagħmlu għall-ġid tat-tfal imxerrdin mad-dinja kollha, jidher ċar kemm id-dinja kollha tħares lejkom bħala l-mexxejja t'għada u li fuqkom irid jinbena l-ġejjieni, sabiħ jew ikreh, tagħna.

Dinja ta' paċi jew dinja ta' gwerer u tixrid tad-demm tiddependi mit-tfal li jkunu jgħixu fiha f'dak iż-żmien. It-tfal huma l-aqwa ġid fid-dinja. It-tama ta' dinja aħjar trid tinbena fuq it-tfal li jgħixu fiha.

Nies kbar, tajbin jew ħżiena, li għamlu ħafna ġid jew ħafna deni, dejjem inqdew bit-tfal għall-finijiet tajbin jew ħżiena tagħhom. Fost it-tajbin nistgħu nsemmu 'l San Ġovanni Bosco, li sal-lum eluf ta' tfal għadhom igawdu mill-ġid li għamel fi żmienu, u fost il-ħżiena nsemmu 'l Hitler, li l-mibegħda li żera' f'qalb it-tfal ta' żmienu għadha tinħass sal-lum.

Kien għalhekk ħsieb tassew għaqli, ħiereġ mill-imħuħ tal-aqwa rjus tad-dinja, li f'din is-sena jitfgħu l-ħarsa tagħlejn it-tfal tad-dinja kollha u jistudjaw x'jista' jsir biex itejbu l-qagħda spiritwali u materjali tagħhom.

Minħabba f'hekk ħsibt li f'din is-sena speċjali tat-tfal il-kelmtejn tiegħi lilkom ikunu studjati b'mod li nurikom l-importanza tagħkom fid-dinja u d-dmirijiet tagħkom ta' veri ċittadini. Bħalma kull pajjiż huwa parti mid-dinja, hekk ukoll kull tifel jagħmel parti minn pajjiżu.

Tifel li m'għandux vera mħabba lejn pajjiżu wisq inqas jimpurtah mid-dinja ta' madwaru, u min ma jinteressax ruħu mill-ġid ta' pajjiżu jkun bħal iben li ma jħobbx lil ommu li ġibitu fid-dinja. Infatti l-Poeta Malti fl-Innu Nazzjonali hekk mar kiteb: "LIL DIN L-ART ĦELWA, *L-OMM LI TATNA ISIMHA*".

Għalhekk, għeżież tfal, f'din is-sena b'mod speċjali, meta d-dinja kollha qed tħares lejkom u qed tfittex kif tista' tgħinkom fid-diffikultajiet tagħkom, qisu li ma tkunux torox għal min jurikom l-aħjar triq għalikom, għal min iwissikom, għal min igħallimkom, għal min lejl u nhar jaħdem għalikom u jaħseb fikom. Ftakru li xejn ma jiswa kemm tagħmel id-dinja għalikom jekk intom ma tagħmlu xejn siewi għall-ġejjieni tagħha.

KOMPETIZZJONI BIL-PREMJU

Tfal,

Għall-kompetizzjoni ta' din il-ħarġa għandna l-kelma BEATITUDNI li fiha għaxar ittri. Xogħolkom hu li tiffurmaw kliem b'xi wħud minn dawn l-ittri, ngħidu aħna bi tnejn, bi tlieta, b'erbgħa, jew b'iżjed. Biss oqogħdu attenti li tużaw l-ittri li jinsabu fil-kelma li tajniekom. Per eżempju, ma nistax nikteb il-kelma "bata", għax fil-kelma BEATITUDNI hemm biss "a" waħda u mhux tnejn. Naħsbu li fhimtu xi tridu tagħmlu. Mela, ippruvaw oħorġu għaxar kelmiet minn dawn l-għaxar ittri li jinsabu fil-kelma BEATITUDNI. Nafu li hemm żgur aktar minn sitt darbiet in-numru li tlabniekom. Mhux min jikteb l-aktar numru ta' ittri jirbaħ il-premju, iżda min ikollu l-għaxar kelmiet tajbin.

Bħas-soltu, ibagħtu l-kompetizzjoni tagħkom f'envelop magħluq u ndirizzawh lill-Każin tal-Banda San Gabriel, jew impustawh intom stess fil-letterbox ta' l-istess każin. Għandkom żmien sa nhar is-Sibt, 17 ta' Marzu, 1979.

L-għaxar qwiel li kellkom tiktbu fl-aħħar kompetizzjoni kienu dawn:

1. F'kull razza ssib il-paljazza.
2. Ir-rebbieħ dejjem tellief.
3. Sal-Milied la bard u lanqas ksieħ.
4. Min jimxi bil-mod jasal kmieni.
5. Omm il-ġifa qatt ma tagħli.
6. Min irid in-nar ifittxu.
7. Meta l-Milied taħt il-bejt, il-Għid fuq il-bejt.
8. Bla qaddisin ma tmurx il-ġenna.
9. Qabel taqta' qis u erġa' qis.
10. Kul għal qalbek u imxi għal għajn in-nies.

Ir-rebbieħ ta' din il-kompetizzjoni kien Noel Vella, li joqgħod 18, Triq il-Barriera, Ħal Balzan. Il-premju nieħdu ħsieb nibagħtuhulu.

Programm Mill-Balzan Youth Centre

Il-membri tal-Balzan Youth Centre ħassew il-ħtieġa li, għal żmien ir-Randan, iqanqlu l-qlub tal-Balzanin bi proprogramm mibni għal dan il-għan.

Il-programm se jiġbor fih —

- **DRAMM sabiħ f'żewġ atti fuq il-Beatu Massimiliano Kolbe;**
- **Siltiet mill-PASSJONI ta' Sidna Ġesù Kristu.**

Data — Is-Sibt, 17 ta' Marzu, 1979.
Post — Is-Sala Aurora, Ħal Balzan.
Ħin — 7.30 p.m. preċiżi.

KULĦADD huwa mistieden għal dan il-programm. Id-dħul huwa B'XEJN.

BEBE

L-AQWA ĦANUT
GĦALL-ĦWEJJEĠ
TAT-TFAL

Nifirħu lill-Gradwati minn Ħal Balzan

Fiċ-ċerimonja tal-Gradwazzjoni, li nżammet fl-Università, tal-Qroqq, is-sena li għaddiet, fost l-istudenti li ggradwaw mid-diversi fakultajiet, kien hemm dawn is-sinjuri minn Ħal Balzan —

Tonio Borg, Dip. Not. Pub.
Andrian Borg Cardona, Dip. Not. Pub.
Richard Camilleri, Dip. Not. Pub.
Rachel Cassar Pullicino, B.A. (Hons.)
Albert Cauchi, B.A. (Arch.)
Anton Felice, Dip.Not.Pub.
Hector Fenech, B.Sc. (Eng.)
Catherine Galea Zerafa, B.A. (Arch.)
Tania Vella, Dip. Not. Pub.

F'isem il-membri tal-Bord Editorjali u l-Balzanin kollha, aħna nifirħulhom u nixtequlhom kull suċċess fil-ġejjieni.

ITTRI LILL-EDITUR —

IL-PIKI F'HAL BALZAN

Sur Editur,

B ħala wieħed li kull sena niġi għall-festa ta' Marija Annunzjata, ma nistax ma naqbilx ma' dak li nkiteb fl-editorjal ta' "Ħal Balzan" ta' Novembru/Diċembru 1978. L-aktar ħaġa li qiegħda tolqotni hu l-fatt li qiegħed ikun hemm aktar minn attrazzjoni waħda fl-istess ħin.

Ngħid għalija, ma nistax nifhem għaliex ikun hemm żewġ baned il-Ġimgħa fil-għaxija f'raħal żgħir bħal ma hu Ħal Balzan. Li qiegħed jiġri hu li qiegħed ikun hemm ftit nies ma' kull banda. Ma jkunx aħjar li jkun hemm banda waħda biss li ddur mar-raħal kollu? L-istess nista' ngħid għal-logħob tan-nar waqt il-marċ fil-għaxija, nhar il-festa. Biss hawnhekk irrid insemmi li nħoss li kienet ideja sabiħa li n-nar isir fit-triq il-ġdida ta' wara l-knisja, għax minn hemm jista' jitgawda ħafna aħjar billi hemm aktar spazju; anzi nissuġġerixxi li tas-Sibt isir hemmhekk.

Ma nħossx li f'dawn l-affarijiet għandhom jidħlu l-piki. Il-piki veru li jqajmu l-entużjażmu tal-ftit għal xi żmien, iżda wkoll iġibu l-istmerrija tal-kotra. Meta j għaddi l-entużjażmu ma jibqa' xejn iżjed, għax l-interess fil-festa jkun miet f'dawk kollha li jistmerru l-piki, ġlied u ħwejjeġ bħal dawn.

Nixtieq nissuġġerixxi wkoll li l-quddiesa tal-festa ssir aktar kmieni, ngħidu aħna fit-8.30 a.m., minħabba li qiegħed jiġri li f'nofs il-quddiesa tisma' d-daqq tal-banda.

Naqbel ma' dak li nkiteb li hemm bżonn li l-festa nħarsuha b'sens aktar reliġjuż. L-attendenza għat-tridu u l-bqija taċ-ċerimonji reliġjużi nħoss li tista' tkun ftit aħjar.

B'Kara.

Joseph Falzon

Sur Editur,

Jekk jogħġbok ippermettili ftit spazju fil-ġurnal tiegħek "Ħal Balzan" biex nagħtik prosit tal-Editorjal tal-gazzetta Nov/Diċ. 1978. Bħalma għidt int, il-piki li kienu jeżistu fl-antik naqbel miegħek li spiċċaw, imma l-piki bejn il-każini tar-raħal tagħna għadhom hemm.

Dan rajnieh sal-aħħar festa li għaddiet, meta fl-aħħar tat-tridu rajna żewġ baned f'tarf ir-raħal bi ftit nies warajhom.

Ħaġa oħra li weġġgħetli qalbi din is-sena, f'nhar il-festa, kienet li meta waslet l-istatwa tal-Madonna n-naħa t'isfel, waqfu l-murtali għal kollox sa ma reġgħet waslet fil-pjazza.

Imma l-aktar ħaġa li waqqgħatna għaċ-ċajt kienet li wara li daħlet l-istatwa, rajna banda tielgħa n-naħa ta' fuq tar-raħal, u fin-naħa t'isfel beda jinħaraq iġ-ġiġġifogu. Għalhekk il-poplu ma setax igawdi kollox, għalkemm dan iħallas għal kollox.

Sur Editur, jiena naf li f'dawn l-aħħar snin saru xi tentattivi biex jiġu rranġati dawn l-affarijiet, anzi sas-sena l-oħra stess nafu li kien hemm persuna li daħlet ta' medjatur bejn il-każini, imma wara ħafna laqgħat ma rriżulta xejn.

Nixtieq nagħlaq billi nagħmel appell sinċier lill-każini biex jilqgħu l-istedina tiegħek ħalli l-programm tal-festa jiġi mfassal miż-żewġ każini f'daqqa, u nies oħra li l-festa tinteressahom mill-qrib, taħt il-presidenza tal-Kappillan, biex inkabbru l-festa u niffrankaw flus il-poplu moħlija fix-xejn.

Dejjem tiegħek,
Balzani.

Sur Editur,

Ħadt pjaċir naqra l-Editorjal tal-ħarġa Novembru/Diċembru 1978, dwar "Piki u Partiti fir-Raħal Malti". Kien f'waqtu tassew, u fih x'wieħed jirrifletti.

Fakkarni f'dak li qal San Pawl f'waħda mill-ittri tiegħu: "Għadkom timxi ta' bnedmin meta hemm fostkom min igħid: 'Jien ta' Pawlu' u ieħor: 'Jien ta' Apollo'. M'intomx taħsbuha ta' bnedmin?"

Aħna lkoll suppost qed naħdmu biex nibnu kommunità ta' mħabba u fidi f'Ħal Balzan, imma bil-piki u qsim fil-Parroċċa, żgur li ma jgħinx biex dana jseħħ. U dan japplika mhux biss għall-kommunità nisranija imma wkoll għas-soċjetà politika. Kif tgħid l-'Octogesima Adveniens': "Politics are one way of living the Christian commitment of service to others."

Hemm bżonn għalhekk li nkunu aktar tolleranti u lesti li naċċettaw dak li jaħseb ħaddieħor, għalkemm ma naqblux miegħu. Naċċettaw li ħaddieħor jista' jaħsibha diversament minna. Xtaqt nispiċċa din l-ittra billi nikkwota minn ktieb li qrajt dan l-aħħar fuq mentalità limitata: "Polarization . . . is an amplifier of small differences because it works only with extremes. Rejection of a thing becomes complete rejection and acceptance becomes complete acceptance. You have no choice but to move to extremes. Something is either black or white, someone is a friend or an enemy. The same polarization exists in our politics. People in in the opposing parties have to take opposite attitudes whether they personally agree with them or not. The effect is to polarize people even beyond their own natural tendencies."

Ħal Balzan. **G.V.**

Sur Editur,

Qrajt l-editorjal tal-gazzetta tiegħek "Ħal Balzan" Nov./Diċ. '78 u ħadt gost li fl-aħħar intqal xi ħaġa fuq il-bżonn li l-programm tal-festa għandu jiġi mfassal bejn kulħadd u mhux kull każin għal rasu. Dan qiegħed ngħidu għaliex qed nara li wara dawk is-sagrifiċċji kollha, min-naħa taż-żewġ każini matul is-sena kollha, u dawk kollha li jaħdmu n-nar, qed nitilfu kollox minħabba l-piki.

Naf żgur li l-barranin qed jidħku bina meta jisimgħu u jaraw affarijiet bħal, per eżempju, żewġ marċi fl-aħħar tat-tridu, nar jieqaf waqt li l-purċissjoni tkun in-naħa t'isfel, il-marċ tal-aħħar u n-nar jixgħel in-naħa l-oħra.

Ulied Balzanin, ejjew ningħaqdu flimkien u nfasslu programm wieħed li jixraq lil poplu ċivilizzat, biex b'hekk ikollna festa li nistgħu ngħidu li kienet suċċess għalina u għall-unur ta' Marija Annunzjata.

Dejjem tiegħek,
Inħobb ir-raħal

INŻOMMU
ĦAL BALZAN
NADIF

TINSEWX TAGHTU XI KONTRIBUZZJONI
GHALL-GAZZETTA 'HAL BALZAN'

VITAFOAM
ISEM TA' GARANZIJA
PRODOTTI:
SAQQIJIET
IMHADED
CUSHIONS U AFFARIJIET
OHRA TAL-FOAM
Irrikorru:
VITAFOAM MALTA LIMITED
INDUSTRIAL ESTATE, SAN GWANN (B'KARA)
Telephone: 36275/76

MATUL IS-SNIN (4)

Is-Sindki — 1839

Il-Kummissjoni Rjali ta' l-1836 kienet issuġġeriet li jitneħħew l-uffiċċji ta' Logotenent u ta' Deputat Logotenent li kienu twaqqfu mill-Gvernatur Maitland fl-1815. (1) Is-Segretarju ta' l-Istat għall-kolonji qabel ma' din il-proposta u għaldaqstant fl-1893, fi żmien il-Gvernatur Bouverie (1836-1843), tressaq abbozz ta' liġi quddiem il-Kunsill tal-Gvern biex jitneħħew l-uffiċċji msemmija u minflok jitwaqqaf l-uffiċċju ta' Sindku.

Skond din il-liġi, li għaddiet mill-Kunsill tal-Gvern fil-5 t'Awwissu 1839, u li kellha tibda sseħħ mill-1 ta' Settembru, il-kampanja ta Malta ġiet maqsuma f'seba' distretti, u fuq kull distrett kellu jkun hemm uffiċjal li jissejjaħ Sindku, li kellu dejjem ikun avukat. It-Tielet Distrett kien jikkonsisti f'Birkirkara, H'Attard, Ħal Lija u Ħal Balzan.

Is-Sindku kellu jieħu ħsieb id-distrett li jkun ġie fdat f'idejh u fost id-doveri tiegħu nsibu li kellu jieħu ħsieb jara li jkun hemm il-paċi u l-ordni fid-distrett tiegħu, li jarresta lil min jikser il-liġi u jgħasses fuq is-swieq. Bħala Maġistrat Ċivili kellu wkoll jisma' u jaqta' xi kawżi żgħar.

Skond l-istess liġi, darba fix-xahar Maġistrat tal-pulizija ġudizzjarja, akkumpanjat minn Reġistratur, kellu jisma' u jaqta' l-kawżi ċivili ta' kull distrett ta' 'l fuq minn 25 skud, iżda ta' mhux iżjed minn 50 skud, u kellu wkoll jisma' l-appelli minn sentenzi li jkun ngħataw mis-Sindku. Il-kawżi tat-Tielet Distrett kellhom jinstemgħu fit-tieni Erbgħa ta kull xahar f'Ħal Lija.

L-ewwel Sindki nħatru fis-16 t'Awissu 1839. Bħala l-ewwel Sindku tat-Tielet Distrett inħatar l-Avukat Luigi Onofrio li kellu r-residenza tiegħu f'Birkirkara. (2)

(1) Malta Govt. Gazzette, 7-1-1815, 16-8-1839.
(2) Ibid., 16-8-1839.

Winston L. Zammit B.A. (Hons.) M.A.

Profili Balzanin-15

DUN GUZEPP BONELLO



Dun Ġużepp Bonello twieled il-Birgu, fis-27 ta' Diċembru 1905, minn Ġużeppi u Meranja, imwielda Farrugia.

Huwa beda l-istudji tiegħu fl-Iskola Primarja tal-Gvern fil-Birgu, u wara kompla jistudja fid-"Dockyard School'. Fl-20 ta' Marzu, 1920, daħal jaħdem it-Tarzna bħala "boy writer" u kien jagħmel xogħol ta' 'typing'. Wara ħames xhur, peress li kellu vokazzjoni li jsir saċerdot, daħal fis-Seminarju t'Għawdex fejn dam jistudja sentejn. Fl-1922 insibuh bħala novizz mad-Dumnikani fil-Kunvent tar-Rabat. Fl-1924 siefer għal Quercia biex ikompli l-istudju tal-filosofija fil-Kunvent tal-"Madonna ta' Quercia". Fl-1926, irritorna Malta fejn reġa' kompla l-istudji tiegħu.

Fit-30 ta' Ġunju, 1929, ġie kkonsagrat saċerdot fil-Knisja ta' Santu Wistin, ir-Rabat, mill-Isqof Mauro Caruana. Reġa' kompla jistudja għal sentejn oħra u fl-1931 ħa l-S.Th. L. mill-Kunvent tad-Dumnikani. Fl-istess sena ntbagħat Acireale fi Sqallija fejn baqa' tliet snin sħaħ u għallem il-folosofija, is-Sagra Skrittura, l-Ebrajk, u t-Teoloġija Dommatika fil-Kunvent ta' Santu Rokku.

Fl-1935 ġie lura Malta biex igħallem il-filosofija — xogħol li baqa' jagħmel sa l-1940. Bejn l-1940 u l-1952 għallem it-Test ta' Santu Tumas, u fl-1944 laħaq surmast tan-Novizzi. Bejn l-1941 u l-1944 offra ruħu flimkien ma' oħrajn, biex imur igħin lis-suldati fil-batterija u matul dan ż-żmien baqa' jgħallem u jagħmel id-doveri kollha ta' saċerdot.

Fl-1952, minħabba mard serju, kellu jirtira mill-Kunvent u ġie joqgħod ma' qrabatu Ħal Balzan. Fl-1955 huwa qala' l-permess biex ikun jista' jirtira minn patri u jsir saċerdot.

Min dak iż-żmien 'l hawn, jiġifieri għal aktar minn erbgħa u għoxrin sena, Dun Ġużepp Bonello baqa' jgħix Ħal Balzan. Huwa għamel diversi priedki, irtiri u konferenzi ma' Malta kollha. Huwa kien jagħmel ukoll xi laqgħat liż-żgħażagħ ta' l-Azzjoni Kattolika. Aħna nixtiequ lil Dun Ġużepp għomor twil, hieni u ta' mistrieħ.